**IL-MALTI**

QARI LI TOHROĠ — DIĊEMBRU 1973

**L-AKKADEMJA TAL-MALTI**

# IL-KRITIKA LETTERARJA

*ILLUM BIL-MALTI nistgħu naqraw kotba dwar kull fergħa ta' letteratura, kemm proża kif ukoll poeżija, imma għadna neqsin wisq minn studji kritiċi dwar il-letteratura nnfisha tagħna.*

*Il-kritika hi ta' ħtieġa mhux biss għax turi x'isarraf l-awtur, sa fejn iwassal il-ġenju tiegħu, imma aktar u aktar ukoll għaliex tnebbaħna dwar il-livell tal-letteratura tagħna, ix-xejra tal-kitba, it-tqanqil, il-fehmiet, ix-xewqat li jaħkmu fl-imħuh tan-nies tal-pinna.*

*Kull biċċa xogħol letterarja fiha xi sura ta' ġmiel jew xi xrara ta' dehen, imma mhux kulħadd jista' jkollu ż-żmien jew il-għerf biex jagħraf jifhem u japprezza dik il-ħarira speċjali; u mingħajr dak it-tagħrif, il-qari jitlef biċċa kbira mill-fejda tiegħu.*

*Mela l-kritiku hu fid-dmir li l-ewwel jaqra tajjeb u jifhem hu nnifsu l-biċċa xogħol li jindaħal biex jagħmel kritika tagħha, imbagħad jistħarreġ sewwa u bir-reqqa l-ħsieb, il-firxa, ir-rabta tax-xogħol; jifli l-mottiv u l-konsegwenzi; jaħseb dwar il-persunaġġi u jqabbilhom mal-karattri tagħhom, igħasses fuq għemilhom, ħsiebhom u kliemhom.*

*Wara li jiżen u jqis kollox, u jifforma idea tax-xogħol kif inhu maħsub u maħdum mill-awtur, min jindaħal għall-kritika jrid ukoll jeżamina u jagħti fehmtu dwar l-istil tal-kitba, il-għażla tal-kliem u l-manjiera kif huma mfissrin, fi ftit kliem, dwar dik is-sura artistika li tagħżel xogħol ta' awtur minn ta' ieħor.*

*Il-kritiku lanqas ma għandu jinsa li josserva dwar ir-reguli tal-grammatika, it-teknika fit-tqassim u r-rabta tal-kapitoli u, saħansitra, il-għamla u d-dehra tal-ktieb kif joħroġ u jimbiegħ.*

*Fi ftit kliem, il-kritiku serju u kuxjenzjuż jagħti ħjiel u jfisser fehmtu mhux biss dwar is-sura, ix-xejra, il-ġmiel, imma wkoll dwar ir-ruħ tal-kelma u tal-ħsieb kif ħarġu mill-pinna ta' l-awtur.*

*Imma, fuq kollox, hu dmir sagrosant tal-kritiku li jkun sinċier u jikteb dak li jaħseb u jħoss. Qatt u qatt ma għandu jinqeda bil-kritika għal xi ħsieb ħażin ta' moħħu, piki, għejra jew xi dnewwa oħra. Hu għandu jkun ġust: fejn jixraq tifħir għandu jingħata bla tkewtil imma bla ħejm u nċensar; fejn jinsab l-iżball għandu jintwera bla tmaqdir u bla stmellija.*

*Il-kritiku jrid igħodd ruħu bħala bniedem għaref li jersqu quddiemu l-awtur u l-qarrej, jitolbuh il-fehma tiegħu dwar biċċa xogħol li ħarġet mill-wieħed u waslet f'idejn l-ieħor. Hu jistħajjel ruħu mħallef u l-fehma tiegħu għandha tkun imnissla minn sens ta' ġustizzja u minn ebda mottiv ieħor.*

*Għalhekk, il-kritika bil-għaqal u bis-sewwa tiswa mhux ftit bħala barometru tal-klima letterarja ta' pajjiżna u, għalhekk ukoll, nixtiequ li naraw stampati kotba ta' kritika bil-Malti.*

*Dan l-aħħar, il-Membru Akkademiku Oliver Friggieri ħareġ ktieb ta' kritika letterarja jismu "IR-RUĦ FIL-KELMA" li hu xempju ta' kif imissha tkun il-kritika. F'dan in-numru ta' IL-MALTI qegħdin ukoll nippublikaw studju minn Dr. P. Xuereb li hu mħarreġ tajjeb u jaf xi jgħid sewwa bħala kritiku letterarju.*

*Minn hekk naraw li f'pajjiżna m'aħniex neqsin minn talent għall-kritika letterarja kif imissha tkun. Kulma jeħtieġ hu li nagħrfu dak it-talent, ngħinuh, nagħmlulu l-ħila, u nagħtuh il-ġieh li ħaqqu.*